# Is-Sillabu tar-Raba' Sena Sekondarja

## Kompetenzi Ewlenin (CCP)

# Fil-Qosor u Aġġornat

# Ippublikat fl-2014

| It-Taqsima | Il-Kontenut | Riżorsi |
|---|---|---|
| **It-Taħdit** | Personaġġi magħrufa Maltin jew barranin minn kull qasam tal-ħajja bħal sports, mużika, spettaklu, politika. Mill-inqas kull student jagħmel żewġ preżentazzjonijiet. | |
| **Smigħ mill-Qari** | Żewġ testi qosra, wieħed fattwali u ieħor fittizju, ta' 100 u 120 kelma rispettivament minn:<br>Rapporti, ittri ta' opinjoni, testi ta' proża ħfief bħal leġġendi u ħrejjef, aħbarijiet, djalogi, siltiet minn enċiklopediji u kotba informattivi.<br><br>L-eżerċizzji jkunu:<br>• veru jew falz, u/jew<br>• aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba<br>• imla l-vojt b'kelma jew frażi | **Il-Qari**<br><br>Taħriġ il-fehem dwar il-Junk Food |

| It-Taqsima | Il-Kontenut | Riżorsi |
|---|---|---|
| | | |
| **Il-Grammatika** | Konjugazzjonijiet ta’ verbi sempliċi fil-Perfett u l-Imperfett<br>In-negattiv ta’ verbi sempliċi<br>Logħob bi kliem ta’ nisel Rumanz u Ingliż bħal formazzjoni ta’kliem bl-użu ta’ prefissi u suffissi sempliċi u komuni<br>L-elementi ewlenin tal-Punteġġjatura bħall-ittri kapitali, il-punt, il-virgola u l-mistoqsija<br>Binjiet ta’ sentenzi tal-istess tifsira (eż. SVO, VSO, SOV) | **Il-Grammatika**<br>• Il-Prepożizzjonijiet (Taħriġ għall-bord interattiv u Karti tat-taħriġ) |
| **Il-Kitba Funzjonali libera/iggwidata ta’ 40-50 kelma** | Rapport qasir f’gazzetta<br>Kitba ta’ regolamenti sempliċi<br>Deskrizzjoni ta’ post<br>Ittri elettroniċi<br>Riklami u avviżi | |
| **Il-Kitba libera** | Kitba deskrittiva, narrattiva u argumentattiva, ngħidu aħna | |

| It-Taqsima | Il-Kontenut | Riżorsi |
|---|---|---|
| **/ iggwidata ta'**<br>**150-180 kelma** | • komponiment deskrittiv eż. persuna, post<br>• komponiment narrattiv eż. storja, film<br>• komponiment argumentattiv eż. vantaġġi u żvantaġġi, opinjonijiet<br>• djalogu eż. bejn omm u bint, bejn żewġt iħbieb<br>• intervista lil personaġġ magħruf | |
| **Fehim it-Test** | Test wieħed ta' madwar 200 kelma għall-Fehim il-Qari minn reġistri varji. Din it-taqsima jkun fiha test wieħed li:<br>• jkun maqsum f'paragrafi<br>• jista' jkun fittizju jew fattwali<br><br>Il-mistoqsijiet jistgħu jkunu:<br>• agħżel it-tajba<br>• imla l-vojt<br>• veru jew falz<br>• qabbel<br>• poġġi fl-ordni<br>• wieġeb (il-mistoqsijiet għandhom ikunu diretti u waħdiet<br>• inferenzjali)<br>• għoti ta' opinjoni | |

| It-Taqsima | Il-Kontenut | Riżorsi |
|---|---|---|
| **Il-Poeżija** | Tul ir-raba' sena għandhom isiru 6 poeżiji/kanzunetti b'kollox: tlieta obbligatorji u tlieta magħżula mill-għalliema.<br>It-tlett poeżiji obbligatorji huma dawn (minn Nadriet 4) :<br>• Mananni ta' Ġorġ Pisani (pġ. 2)<br>• Il-Moll ta' Carmen Attard (pġ. 3)<br>• Il-Miżieb ta' Anton Buttiġieġ (pġ. 7)<br><br>Għażla ta' tliet poeżiji u/jew kanzunetti oħra jsiru mill-għalliema tal-klassi skont il-gosti u l-ħiliet tal-istudenti li għandhom. | |
| **Il-Proża** | Isir qari ta' novelli u stejjer qosra fil-klassi addattati għal-livell tal-istudenti.<br>Fosthom iridu jsiru dawn it-tliet novelli obbligatorji mill-ktieb Bejn Ħaltejn:<br>• Il-Bank ta' Frans Sammut<br>• Bl-irħis ta' Vince Vella<br>• Il-Koranta ta' Oliver Friggieri | |
| **Il-Qwiel** | Qwiel Obbligatorji:<br>1. Min jittarraf jiġġarraf.<br>2. Is-self telf.<br>3. Mitt bniedem mitt fehma.<br>4. Xemx u xita Alla jaf mita.<br>5. Id-dnub ma jorqodx.<br>6. Aħjar għasfur f'idejk milli mija fl-ajru.<br>7. Fuq tlieta toqgħod il-borma. | |

| It-Taqsima | Il-Kontenut | Riżorsi |
|---|---|---|
| | 8. Kull deni ħudu b'ġid. | |
| **L-Idjomi** | Għażla ta' idjomi minn kuntesti/reġistri varji.<br>(Ara ċ-ċirkolari – DCM 11/2014<br>http://malti.skola.edu.mt/wp-content/uploads/2014/06/qwiel_primsek.pdf) | |